MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 177/2011

**John G Cassar Limited (C189)**

**vs**

**Tal-General Company Limited (C189)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-3 ta’ Gunju 2011, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ sitt elef u hames Ewro w tmienja w erbghin centezmu (€6005.48) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha w debitament konsenjata lilha, liema somma baqghet ma hallsitx minkejja diversi interpellanzi, fosthom bl-ittra ufficcjali datata 13 ta’ Lulju 2010.

Bl-interessi legali w bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 13 ta Lulju 2010, tal-ittri boonarji datati 6 ta’ Lulju 2009, 17 ta’ Lulju 2009 u 26 ta’ Awwissu 2009,

kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta’ intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta’ Lulju 2011 deher Dr. Franco Galea li rregistra ammissjoni ghan-nom tal-klijent tieghu, is-socjeta’ konvenuta, fejn iddikjara li s-socjeta’ konvenuta qed tammetti t-talba attrici.

Ghaldaqstant issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef u hames Ewro w tmienja w erbghin centezmu (€6005.48) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------